

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Lulju 2010

**dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga**

(2011/56/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 168(5), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga <sup>(1)</sup> jipprevedi, fl-Artikolu 21 tiegħu, li ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe pajjiż terz li jikkondividi l-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fl-oġġettivi u fil-ħidma taċ-Ċentru.
- (2) Fil-11 ta' Lulju 2006 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mar-Repubblika tal-Kroazja għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjaljar tal-Ftehim.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu,

## Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-istess Ftehim.

## Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna(i) bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim fisem l-Unjoni soġġett għall-konklużjoni tiegħu <sup>(2)</sup>.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

S. VANACKERE

<sup>(1)</sup> ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.